Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 34

Data tal-laqgħa: 20 ta' Lulju 2021

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Andrè Grech – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, Dr Angelo Micallef ippresjeda l-laqgħa.

## 34.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

34.1.1 Is-Sindku infurma li l-Viċi Sindku ser tkun qed tasal tard għal-laqgħa minħabba impenji oħra u għalhekk ġiet skużata.

## 34.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

34.2.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 31, 32 u 33. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

34.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 34.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

34.3.1.1 Para 31.3.2 - Għassa tal-Pulizija
Is-SE infurmat li rċeviet risposta mingħand il-Ministru, fejn qed jgħid li l-binja tal-Għassa ser tibda tintuża meta jiġi ntrodott is-servizz tal-*Community Policing* u servizz oħra li ser jiġu offruti mill-Pulizija fir-raħal.

34.3.1.2 Il-Kunsillier Andrè Grech issuġġerixxa li għandna nibqgħu nippersistu bit-talba tagħna u minn żmien għal żmien niktbu lill-Ministru. Il-Kunsill qabel.

34.3.2 Para 31.3.3 - Bankina fi Triq Idmejda k/m Triq San Valentin
Il-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano staqsa jekk hemmx żviluppi dwar dan. Is-SE infurmat li għadna qed nistennew l-approvazzjoni ta' TM. Ser nibgħatu *reminder*.

34.3.3 Para 31.3.5 - Talba għal *dog bins*
Il-Kunsillier Stephen Gatt qal li qed jaħdem fuq il-lista ta' *dog bins* li hemm bżonn jinbidlu.

34.3.4 Para 31.3.4 - *Overspeeding* fi Triq il-Kbira (bejn l-ispiżerija u l-Pjazza)
Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar dan. Is-SE infurmat li għad trid tikteb lir-residenti taż-żona biex nitolbu l-kunsens tagħhom.

34.3.5.1 Talba biex titwaħħal tabella ma' arblu tad-dawl fi Triq il-Paguni
Is-Sindku ippropona li tiġi diskussa t-talba ta' residenti biex titwaħħal tabella fi Triq il-Paguni qabel xogħol ieħor peress li kien hemm numru ta' residenti preżenti *online* speċifikament għal din it-talba. Il-Kunsillier Andrè Grech issekonda u l-Kunsill approva.

34.3.5.2 Is-Sindku spjega li xi residenti waħħlu tabella *'No Entry except for residents'* kif ukoll *dummy camera* fejn hemm id-daħla privata f'k/m Triq il-Qarċilla ma' arblu tad-dawl tal-Enemalta, wara li kien hemm numru ta' każi ta' serq fiż-żona. Resident minn dik iż-żona oġġezzjoni u għax it-tabella qiegħda fi spazju pubbliku u għalhekk qed jitolbu li titneħħa. Sadanittant, l-Enemalta neħħew it-tabella u d-*dummy camera* u kkuntattjaw lir-resident biex jinfurmawh li jistgħu iwaħħluhom *against a yearly fee*.

34.3.5.3 Il-Kunsill iddiskuta u sema' t-tħassib tar-residenti preżenti. Il-Kunsill ikkonkluda li la m'hux qiegħdin ta' periklu u lanqas jostakolaw, ma jsibx oġġezzjoni li jitwaħħlu mal-arblu tal-Enemalta, ovvjament dejjem jekk l-Enemalta tapprova. Però, il-Kunsill xtaq jiċċara li ħadd m'għandu jieħu l-liġi b'idejh u kellu jintalab permess qabel ma jitwaħħlu. Għal din id-darba, il-Kunsill mhux ser jieħu passi, però fil-futur ma nistgħux nagħlqu għajnejna għal min jaqbad u jieħu l-liġi b'idejh.

**F'dan il-ħin (4.30pm) daħlet il-Viċi Sindku Mary Louise Briffa għal-laqgħa.**

## 34.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

34.4.1.1 <u>Siġar li tneħħew minn Triq l-Imdina</u>

Is-Sindku infurma li kiteb lill-IM wara li nġibdiltu l-attenzjoni li tneħħew xi siġar li ma kienux skedati li jitneħħew, minn Triq l-Imdina. Konferma ta' dan għad m'għandux. Però r-risposta li waslet hi li fuq qlugħ jew ċaqliq ta' siġar, dejjem taw l-informazzjoni kollha u assistew lill-Kunsill bl-aħjar mod possibbli.

34.4.1.2 Is-Sindku qal li ser jiltaqa' ma' ekx-Kunsillier li kien parti mid-diskussjonijiet dak iż-żmien, biex ikun jista' jkollu stampa ċara ta' kif ser jirrispondi lill-IM. Ġie rrimarkat li fejn qed jiġi allegat li tneħħew is-siġar, ma jiġix fil-konfini ta' Ħal Balzan.

34.4.2 <u>*Culverts* fi Triq Sir Antonio Micallef</u>

Is-Sindku infurma li residenta qaltlu lis-Sindku preċedenti kien spjegalha li kien ġie mwiegħed li se jsiru *culverts* fit-triq. Is-Sindku qal li dwar dan kiteb lill-Perit (IM) u qed jistenna risposta. Il-Kunsill ġie infurmat lix-xogħlijiet fit-triq sa jitlestew sal-aħħar tax-xahar, bidu tax-xahar id-dieħel.

34.4.3.1 <u>*Town Twinning*</u>

Is-Sindku infurma li flimkien mal-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, attendew għal *online meeting* informattiva dwar il-possibbiltà li nieħdu sehem f'*Town Twinning*. Qal li bħalissa hemm programm partikolari li jgħin lil min qatt ma kellu *Town Twinning,* fejn l-applikazzjonijiet huma miftuħa sas-26 ta' Awwissu 2021.

34.4.3.2 Il-Kunsill approva li jifforma Sotto Kumitat speċifikament għal dan il-proġett, bil-membri jkunu s-Sindku u l-Kunsilliera Stephen Gatt u Dr Oliver Nicholas De Gaetano, sabiex tiġi preparata l-proposta biex tiġi approvata mill-Kunsilliera permezz ta' *email*.

34.4.4.1 <u>*E-scooters*</u>

Is-Sindku irrefera għall-messaġġ li bagħat il-President tal-AKL, is-Sur Mario Fava dwar l-*e-scooters.* Il-Kunsillier Andrè Grech qal li numru ta' entitajiet dejjem jagħmlu pressjoni fuq il-Kunsilli Lokali biex jipprovdu parkeġġ adekwat għal mezzi ta' trasport nadif. Dan qed ikun ta' inkonvenjent kbir għar-residenti għax il-*parking* dejjem qed jonqos.

34.4.4.2 Għalhekk issuġġerixxa li nagħmlu pressjoni fuq il-Gvern Ċentrali biex l-għalqa ta' Wesgħa Profs. Aquilina tiġi devoluta lill-Kunsill u tinbidel *f'Environmentally Friendly Car Park*. Dan ikun jinkludi *outdoor gym*, parkeġġ għall-karozzi u muturi li jaħdmu bl-elettriku, parkeġġ għall-i*scooters* u roti. Il-parkeġġ li diġà hawn riservat madwar il-lokalità għal dawn it-tip ta' mezzi ta' trasport, jkunu jistgħu jitneħħew u jsiru parkeġġ għal vetturi normali. Is-SE infurmat li l-Kunsill kien diġà applika għad-devoluzzjoni però ġejna nfurmati li rridu nerġgħu napplikaw peress li nbidlet il-proċedura.

34.4.4.3 Kien hemm qbil li nitkellmu mal-Perit biex itina disinn sempliċi ta' x'jista' jsir.

## 34.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

34.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 34.6 Rapporti

34.6.1.1 <u>Aġġustamenti proposti mill-Udituri tal-Gvern għar-Rapport Finanzjarju għas-sena 2020</u>

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2020 kif emendat wara li sar l-*audit*. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta spjegazzjoni dettaljata fuq l-aġġustamenti li ġew proposti mill-Awdituri.

34.6.1.2 Fuq proposta tal-Kunsillier Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Viċi Sindku Mary Louise Briffa, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

34.6.2.1 <u>Rapport Finanzjarju għat-tieni kwart minn Jannar sa Ġunju 2021</u>

Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għat-tieni kwart minn Jannar sa Ġunju 2021. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta xi spjegazzjonijiet u rrisponda xi mistoqsijiet li kellhom il-Kunsilliera.

34.6.2.2 Fuq proposta tal-Kunsillier Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

## 34.7 Ġieħ Ħal Balzan 2021

34.7.1 Is-Sindku qal li fiċ-ċirkostanzi li kellna din is-sena, fejn kien hemm ir-riżenja tas-Sindku, issuġġerixxa li apparti it-tliet persuni magħżula li ser jirċievu l-premju Ġieħ Ħal Balzan, din is-sena l-premju jingħata wkoll lill-eks-Kunsilliera. Dawn huma: in-Nutar Ian Spiteri, Daniel Muscat Caruana, Joe Galea u Desmond Zammit Marmara'.

34.7.2 Il-Kunsilliera unanimament approvaw.

## 34.8 Tisbiħ tal-*Playing field*

34.8.1 Ġiet innutata r-risposta tal-*Contracts Manager* dwar l-istima tal-proġett, fejn bażikament qed jgħid li l-ikbar spiża hija biex jitħaffer u jsir l-*istore*. Jekk dan ix-xogħol jiġi eliminat mill-proġett, il-Kunsill jiffranka madwar €738K, bl-ispiża tinżel għal madwar €350K minflok €1,088K.

34.8.2 Il-Kunsillier Andrè Grech qal li jekk fil-proġett jiġi inkluż *outdoor gym,* hemm xi skema li l-Kunsill japplika għaliha. Is-SE infurmat ukoll li l-Kunsill kien applika għal skema maħruġa mid-DGL biex jinbidel l-*equipment* tal-bandli kollu inkluż it-tapit u għadna qed nistennew risposta. Il-Kunsillier Andrè Grech issuġġerixxa li titneħħa l-*gazebo* għax hi kbira wisq għal post li hemm, u minflok ssir waħda żgħira fejn it-*telephone box*. Ġie rrimarkat li fil-pjanta tal-proġett, il-*gazebo* kienet ġiet eliminata. Is-Sindku qal li tista' tiġi inkorporata xi tip ta' *gazebo* żgħira fejn ġejja r-*reading corner.* Apparti minn hekk, ġie ssuġġerita li tiġi rranġata l-latrina.

34.8.3 Il-Kunsill iddiskuta u qablu li jsir *refurbishment* biss u nutilizzaw is-saqaf tat-*toilets* biex possibbilment isir *outdoor gym*. Il-Perit ser jiġi nfurmat dwar dan biex naraw x'jista' jsir.

**F'dan il-ħin (5.09pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fil-5.15pm.**

## 34.9 *Traffic Island* fi Triq il-Kannizzata kantuniera ma' Triq Birbal

34.9.1 Is-SE infurmat li kitbet lill-Perit biex tinfurmah bi 3 proġetti proposti fiż-żona, fejn talbitu jiċċekkja jekk hemmx bżonn li l-Kunsill japplika għall-permessi mal-PA u s'issa għadha qed tistenna risposta.

34.9.2 Il-Kunsillier Andrè Grech issuġġerixxa li jogħla ċ-ċint bi 2/3 filati ta' madwar it-*traffic island* kollha u ssir sodda tal-ħamrija bil-fjuri fuqha. Se jiġi ċċekkjat mal-Perit jekk hemmx bżonn permess tal-PA għal din il-proposta.

## 34.10 Skemi Finanzjarji maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Ċentru

34.10.1.1 <u>Skema 1/2020 – Proġetti mill-Kunsilli Lokali</u>

<u>Trasport għall-anzjani</u>

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjonijiet għas-servizz ta' trasport għall-anzjani. Il-Kunsill approva l-irħas offerta ta' Paramount Coaches. Ser jiġi kkonfermat li l-prezz kwotat huwa għas-servizz ta' erba' (4) siegħat *shuttle service* u mhux għal kull vjaġġ. Kif jiġi kkonfermat dan, ser isir arranġament biex jinxtara b'€5,000 servizz bil-quddiem.

34.10.1.2 <u>*Dog bins*</u>

Is-SE ressqet kwotazzjoni għax-xiri ta' *dog bins*. Il-prezz hu ta' €129.80 -il wieħed. Il-Kunsill approva x-xiri ta' 12 -il *dog bin*.

34.10.1.3 <u>Korsijiet għall-anzjani</u>

Il-Viċi Sindku spjegat dwar il-korsijiet għall-anzjani dwar kif jagħmlu użu ta' ċertu *mobile apps*. Dawn jiġu provduti mit-TCTC għall-prezz ta' €120 kull persuna. Il-Kunsill approva li jalloka €5,000 għal dawn il-korsijiet.

Il-Viċi Sindku spjegat ukoll dwar sessjonijiet għall-anzjani fuq is-saħħa provduti minn *lecturer* l-università. Il-Kunsill approva li jiġu organizzati dawn is-sessjonijiet.

34.10.1.4 Proġetti oħra

Ġew issuġġeriti wkoll dawn il-proġetti biex isiru mill-fondi ta' din l-iskema:

- Żebgħa tal-ħitan tal-*playing field*
- *Cleaning Campaign* billi jsir tindif / ħasil ta' toroq fil-lokalità
- Irranġar tat-*traffic island* fi Triq il-Kannizzata k/m Triq Birbal
- Sessjoni għall-anzjani mis-*Cyber Crime Unit*

Il-Kunsill unanimament approva.

34.10.2 Skema 10/2020 – Proġett fil-komunità

Is-SE infurmat li għadha qed tistenna risposta mingħand il-Perit biex jagħtina l-qisien ta' kemm l-iktar li jista' jkun kbir il-monument artistiku li kellu jsir fi Triq il-Qarċilla. Sadanittant, is-Sindku ser jilħaq iġib xi kwotazzjonijiet mingħand xi skulturi.

34.10.3 Skema 6/2020 – Avvenimenti Soċjo Kulturali

Is-Sindku qal li ikkuntattja liż-żewġ baned ta' Ħal Balzan biex jara jekk humiex interessati li jieħdu sehem. Qal li s'issa banda waħda biss wieġbet biex jinfurmawna li huma interessati. Ġew issuġġeriti żewġ dati, fit-12 jew fl-20 ta' Awwissu 2021 u qed jiġi ppjanat li jsir fil-pjazza ta' Triq l-Annunzjata. Il-Viċi Sindku ser tieħu ħsieb l-organizzazzjoni ta' dan il-kunċert.

## 34.11 *Park Lane Project*

34.11.1 Is-SE infurmat li kitbet lill-Perit dwar dan il-proġett u sa dil-ġimgħa għandu jgħaddilna l-punti tekniċi biex il-Kunsill ikun jista' joġġezzjoni għal dan l-iżvilupp.

## 34.12 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

34.12.1 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

Is-SE ippreżentat ittra biex tinforma lill-Kunsill li mhux ser tkun tista' taġixxi mit-13 ta' Settembru 2021 sat-3 ta' Lulju 2022 u għalhekk is-Sur Mark Mallia ser ikun qed jaġixxi bħala Deputat SE tul dan il-perjodu. Is-SE spjegat li ser tkun qed toħroġ bil-*maternity leave,* kif ukoll ser tkun qed tapplika għal erba' (4) xhur *parental leave*. Wara dan il-perjodu ser tkun qed tutilizza l-*leave* akkumulat. Il-Kunsill unanimament approva.

34.12.2 Użu tal-*Internet Banking* mid-Deputat SE

Il-Kunsill, permezz ta' riżoluzzjoni unananimament approva li jiġi krejat *user* ieħor biex id-Deputat SE ikun jista' jawtorizza tranżazzjonijiet li jsiru mill-Kunsill fiż-żmien lis-SE ser tkun assenti.

34.12.3 Akkumulu ta' *leave* għas-sena 2022

Is-SE talbet lill-Kunsill għall-approvazzjoni permezz ta' reżoluzzjoni sabiex takkumula 214.75 siegħa mill-*leave* tal-2021 ma' tas-sena d-dieħla. Dan il-*leave* ser jiġi utilizzat immedjatament wara li jgħaddi l-perjodu tal-*maternity leave* u tal-erba' (4) xhur *parental leave*. Dan biex ikollha aktar żmien mat-tarbija wara li titwieled. Il-Kunsill approva unanimament.

34.12.4.1 Kwotazzjonijiet għall-provvista tas-Servizz ta' Assigurazzjoni tal-Assi tal-Kunsill

Is-SE infurmat lill-Kunsill li talbet lill-tliet kumpaniji għal kwotazzjoni għall-provvista tas-Servizz ta' Assigurazzjoni tal-Assi tal-Kunsill għall-perjodu minn l-1 ta' Awwissu 2021 sal-31 ta' Lulju 2021.

34.12.4.2 Il-Kunsill unanimament approva l-unika offerta li waslet ta' Island Insurance Brokers Limited.

34.12.5.1 Bejgħ tal-kotba ta' Carmel Bezzina

Is-SE infurmat li Carmel Bezzina talab lill-Kunsill sabiex ibiegħ l-aħħar żewġ kopji tiegħu għall-prezz ta' €20 u mhux bil-prezz li nxtraw (€18). Dan għaliex jekk il-Kunsill ibiegħ il-kotba għall-prezz ta' €18 ser ikun qed ipoġġi fi żvantaġġ lilu bħala l-awtur tal-kotba, kif ukoll ħwienet oħra li qed ibiegħu l-kotba bl-€20. Sostna li fil-bejgħ ta' dawn il-kotba għandu jkun hemm uniformità.

34.12.5.2 Il-Kunsill unanimament approva li jbiegħ il-kotba għall-prezz ta' €20 -il wieħed.

34.12.6.1 Talba biex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet addizzjonali fi żmien il-COVID-19

Is-SE infurmat li sid il-ħanut Fra Giuseppe qed jitlob għal permess temporanju għal żmien il-COVID-19 biex iżid l-ispazju għall-imwejjed u siġġijiet barra b'167$m^2$. Il-Kunsillier Andrè Grech iddikjara kunflitt ta' interess peress li huwa klijent tiegħu u għalhekk ma ħax sehem fid-diskussjoni.

34.12.6.2 Il-Kunsill iddiskuta jħoss li l-operatur għandu jopera skond il-liċenzja eżistenti u għalhekk mhux qed japprova din it-talba li qed tvarja mill-liċenzja.

34.12.7.1 <u>Talba biex jitwaħħlu tabelli '*Elderly Crossing*'</u>
Resident qed jissuġġerixxi li jitwaħħlu tabelli biex jindikaw li jistgħu jaqsmu l-anzjani fi Triq l-Annunzjata, peress li l-bankini f'din it-triq jinsabu fi stat ħażin u l-anzjani ma jistgħux jimxu fuqhom.

34.12.7.2 Il-Kunsill iddiskuta u rrimarka li minn kull triq jgħaddu anzjani jimxu u ma tistax issir tabella f'kull triq. Però, f'dan il-każ, il-Kunsill qabel li peress li din hija ż-żona tal-knisja u t-triq tintuża ħafna ser napplikaw ma' TM biex issir tabella *'Slow Pedestrians Crossing'*. Din id-deċiżjoni hija eċċezzjoni u mhux ser tkun preċedent għal toroq oħra.

## 34.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

34.13.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 07/21, li tinkludi l-ammont ta' €32.50c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Ġunju 2021.

34.13.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, li kien issekondat mill-Kunsillier Stephen Gatt. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

34.13.3 Minħabba kunflitt ta' interess dirett, il-Viċi Sindku Mary Louise Briffa assentat ruħha mill-approvazzjoni tal-pagament nru. 23 (transazzjoni nru. 212/21) peress li, hi flimkien mar-raġel tagħha huma l-propjetarji l-uffiċċju tal-Kunsill.

## 34.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

34.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.50pm.

34.14.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 24 ta' Awwissu 2021 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 24 ta' Awwissu 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |